MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 498/1995/1

**Alfred Schembri**

**vs.**

**Kontrollur tad-Dwana u Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili **fil-5 ta' Marzu, 1996** li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u dan in virtu` tal-*proviso* ta' l-istess subartikolu (2) li jghid testwalment:

**Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.**

Il-kawza tirrigwarda allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-appellant Alfred Schembri. Huwa invoka l-Artikoli **39(9)** u **45(2)** tal-Kostituzzjoni. Ir-retroxena hija li l-appellant kien gie investigat mill-pulizija ghall-habta ta' Novembru, 1986 in konnessjoni ma' diversi reati, fosthom reati ta' ksur tal-ligi tad-Dwana. Fit-**8 ta' April, 1987** kienet harget Proklama taht il-firma ta' l-allura Agent President ta' Malta, l-E. T. Pawlu Xuereb, li kienet ikkoncediet mahfra fil-kaz ta' certi reati tad-Dwana u reati taht l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju[1], u taht certi kundizzjonijiet. Din il-Proklama kienet saret kemm bis-sahha ta' l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni kif ukoll bis-sahha ta' l-Artikolu 71[2] ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37. Fir-rikors promotur ta' din il-kawza quddiem il-Prim Awla, l-appellant (allura rikorrent) kien allega li huwa kien applika ghand il-Kontrollur tad-Dwana biex huwa jibbenefika minn din il-mahfra jew amnestija, izda il-Kontrollur tad-Dwana kien "cahadlu d-dritt ghal tali amnestija u dan fuq il-bazi li l-amnestija ma kienitx tapplika ghalih". In segwitu ttiehdu l-proceduri kriminali kontra l-imsemmi Schembri (u ohrajn li kienu ko-akkuzati mieghu) – dawn il-proceduri nbdew fl-**20 ta' Awissu, 1987** – liema proceduri ntemmu quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'sentenza **tad-19 ta' Jannar, 1995** u fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza tat-**12 ta' Frar,**

[1] L-*Exchange Control Act* kif kienet dak iz-zmien, illum **External Transactions Act**, Kap. 233.
[2] Illum Artikolu 75.

**1999**. Alfred Schembri, kemm quddiem l-ewwel qorti (Qorti tal-Magistrati) kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali nstab hati kemm ta' evazjoni ta' dazju kif ukoll ta' frodi (ossia truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9), izda gie lliberat mill-akkuza ta' korruzzjoni ta' ufficali pubblici. Jigi pprecisat li r-rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla gie pprezentat fl-**1 ta' Frar, 1995**. Fih, kif inghad, l-appellant kien ilmenta li kienu gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu kemm ghax fil-fatt kienu ttiehdu l-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali ta' l-ewwel grad, kif ukoll ghax, skond hu, il-Kontrollur tad-Dwana kien agixxa b'mod diskriminatorju fil-konfront tieghu meta ma kienx accetta li huwa jibbenefika mill-amnestija w addirittura kien talab lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex jittiehdu passi taht l-Ordinanza tad-Dwana fil-konfront tieghu. Ghalhekk l-appellant kien ilmenta minn ksur ta' dik il-parti tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni li tghid: ***"…u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghal reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat."*** L-Artikolu 45(2), imbaghad, jipprovdi li ***"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, hadd ma ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita` pubblika."***

Din il-Qorti damet biex tippronunzja din is-sentenza ghas-semplici raguni li l-process ta' din il-kawza (kostituzzjonali) f'xi zmien intilef, u kien biss permezz tan-nota ta' l-Avukat Generali tal-15 ta' Ottubru, 2002 li l-process rega gie rikostruwit. Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell (b'referenza ghall-process kif rikostruwit) fl-udjenza tas-17 ta' Gunju, 2003; u wara li din il-Qorti talbet lill-appellat Avukat Generali sabiex jippresenta xi dokumenti addizzjonali (ara l-verbal ta' l-udjenza msemmija – 17 ta' Gunju, 2003), fl-udjenza tas- 7 ta' Ottubru, 2003 halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u l-appell odjern**

Kif diga` inghad, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha peress illi kienet tal-fehma li r-rikorrent (illum appellant) kellu disponibbli ghalih mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur minnu allegat, rimedju konsistenti fl-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. L-appellant Alfred Schembri ma qabilx ma dan u ghalhekk, permezz tar-rikors ta' appell tieghu tas-7 ta' Marzu, 1996 huwa talab li s-sentenza appellata tigi revokata u li minflok din il-Qorti (cioe` l-Qorti Kostituzzjonali) ***"…tghaddi biex tiddeciedi adesivament ghat-talbiet originali bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati."*** It-talbiet originali kienu fis-sens li wara li jigi dikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet protetti bl-Artikoli 39(9) u 45(2) tal-Kostituzzjoni, ***"…jigi dikjarat li l-esponenti kellu dritt ghall-amnestija presidenzjali dwar id-dwana tal-1987, u konsegwentement kull dikjarazzjoni ta' htija jew procediment ghandu, wara li tigi dikjarata applikabbli l-istess amnestija, testingwi kull azzjoni penali relattiva, u kull effett tas-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1995, fil-konfront tieghu, li tiddikjarah hati ta' reat amnistjat. B'kundanna ghad-danni materjali sofferti kif ukoll bhala kumpens in konnessjoni mal-istess vjolazzjonijiet, u dan in via ta' danni morali."***

L-aggravju ta' l-appellant Schembri hu, bazikament, li kien l-izball originali tal-Kontrollur tad-Dwana li cahhdu mid-dritt li huwa kellu ghall-amnestija li kien jammonta ghal ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni minnu indikati, u ghalhekk kien irrelevanti l-fatt li kien hemm appell, jew dritt ta' appell, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' l-appellant li huwa ma kellux mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur minnu vantat. Fil-kaz in dizamina kollox idur dwar jekk fil-fatt kienitx applikabbli o meno ghall-appellant Schembri l-amnestija tat-8 ta' April, 1987. Il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni hija sekondarja ghall-ewwel punt: jekk ma kienitx applikabbli, allura ma kienx hemm diskriminazzjoni; jekk kienet applikabbli allura jista jkun li l-Kontrollur tad-Dwana agixxa b'mod diskriminatorju.

Issa ma hemmx dubju li fil-kamp penali wahda mill-eccezzjonijiet li tista' tinghata b'success fil-konfront ta' imputazzjoni jew akkuza li tingieb kontra xi persuna hija dik tal-estinzjoni ta' l-azzjoni minhabba mahfra moghtija mill-President ta' Malta. Ghalkemm fid-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jitkellmu dwar il-procedura quddiem il-Qorti ta' Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, Sede Inferjuri, ma hemm ebda referenza espressa ghal tali eccezzjoni, hu evidenti li tali eccezzjoni tista' titqajjem, u dan b'analogija ma' dak li jipprovdi l-istess Kodici fir-rigward tal-procedura (aktar solenni) quddiem il-Qorti Kriminali (u, *a fortiori*, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, Sede Superjuri). Kif jghallem il-Professur Sir Anthony Mamo, fl-appunti tieghu dwar il-procedura penali[3], erbgha huma c-cirkostanzi li jistghu jwasslu ghall-estizjoni ta' l-azzjoni penali: *mors, remissio, indulgentia principis* u *praescriptio*. Dwar il-mahfra jghid espressament: ***"When a pardon is granted, it can be pleaded in bar of the institution or prosecution of the criminal action"*** [4]. L-Artikolu 449(1) tal-Kodici Krminali jipprovdi kemm ghall-eccezzjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni (paragrafu (c)), kif ukoll ghall-***"…kull eccezzjoni ta' kull punt iehor ta' fatt li jnehhi l-imputabilita` ta' l-akkuzat <u>jew illi minhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa ghal mument, jew f'ebda zmien iehor 'l quddiem</u>…"*** (paragrafu (f)) (sottolinear ta' din il-Qorti). Ma hux il-kaz hawnhekk li wiehed joqghod jelabora dwar jekk it-tieni wahda minn dawn l-eccezzjonijiet, meta tinghata fil-Qorti Kriminali, ghandhiex tigi deciza mill-Imhallef jew inkella mill-gurati skond il-procedura traccata fl-Artikoli 620 *et seq.* tal-Kodici Kriminali; fil-kaz in dizamina, stante li l-akkuzat gie pprocessat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kien certament il-Magistrat u, in segwitu, l-Imhallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali, Sede Inferjuri, li kellu jiddeciedi dwar jekk <u>bhala fatt</u> l-amnestija kienitx applikabbli o meno, u, jekk kienet applikabbli, allura kien hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni. In fatti, fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dahlet f'certu dettal fir-rigward ta' l-

[3] "Notes on Criminal Procedure", pp. 29 sa 47.
[4] *op. cit.,* p. 31.

aggravju ta’ Alfred Schembri msejjes fuq il-fatt tal-Proklama tal-President ta’ Malta. Dik il-Qorti, f’dan ir-rigward, qalet hekk:

“Fl-ahhar nett, jibqa l-appellant Alfred Schembri. L-aggravju principali ta’ dan l-appellant hu li fil-konfront tieghu kellha tigi applikata l-amnestija li kienet inghatat mill-President tar-Repubbblika fil-1987 in konnessjoni ma’ reati ta’ natura doganali u/jew reati taht il-Ligi Dwar il-Kontroll tal-Kambju. Ghal dak li jirrigwarda dan l-aggravju, qed jigi rilevat illi ghalkemm fil-proceduri odjerni, u specifikatament biss fir-rikors ta’ dan l-appellant, saret riferenza ghal xi proceduri ohra ta’ natura civili jew kostituzzjonali li huwa ghamel kontra l-Kontrollur tad-Dwana u awtoritajiet koncernati, jibqa’ il-fatt li dawn iz-zewg proceduri huma distinti u separati minn xulxin, u l-ebda wahda ma timpedixxi l-prosegwiment ta’ l-ohra. Il-Qorti bla ebda mod ma hi qed tiskredita lil dan l-appellant fis-sottomissjoni tieghu f’dan ir-rigward, u cioe`, l-allegazzjoni tieghu li l-Kontrollur tad-Dwana kien cahdu mill-beneficcji ta’ din l-amnestija, izda qedha semplicement tirrileva li fil-kaz li ghandha quddiemha illum, dan il-fatt ta’ proceduri ohra qatt ma kien gie svelat quddiem l-ewwel Qorti, u hu ghalhekk li fl-atti ma hemm l-ebda hjiel ta’ prova jew riferenza ghal dan il-fatt. Kif gia` intqal, hemm biss referenza jew allegazzjoni minn dan l-appellant fir-rikors tieghu li bih ghamel dan l-appell fis-sens li hu qed jghid li hu kien applika biex jigi ezentat minn proceduri kriminali kontrih taht din l-amnestija, izda din l-applikazzjoni tieghu kienet giet rifjutata mill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi l-amnestija li qed jirreferi ghaliha dan l-appellant kienet l-hekk imsejjha “Proklama lill-Kontrollur tad-Dwana u lill-Persuni l-Ohra kollha li huma Koncernati” u kienet harget fl-10 ta’ April, 1987, mill-Agent President ta’ Malta fl-okkazjoni ta’ l-emendi li kienu saru fil-Kostituzzjoni ta’ Malta u fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi u Dwana. Din il-Proklama kienet dwar kazijiet ta’ persuni li allegatament kienu kisru l-Ordinanza tad-Dwana u l-Ligi Dwar il-Kontroll tal-Kambju, biex dawn il-kazijiet ma jitressqux il-Qorti, u, fl-istess hin, ma jibqghux pendenti.

Kienet mizura sabiex dawn il-kazijiet jigu decizi barra mill-Qorti, purche` li jigu sodisfatti certi kundizzjonijiet elenkati f'din il-Proklama, fosthom li oltre allegati reati taht il-Ligi tad-Dwana u/jew il-Ligi Dwar il-Kontroll tal-Kambju, ma jkunx hemm ukoll allegazzjoni ta' xi reati ta' natura kriminali, u li l-ammont ta' dazju perikolat ma jeccedix is-somma ta' Lm5000.

Illi, kif gia` intqal aktar il-fuq, kopja ta' din il-Proklama qatt ma giet esebita f'dawn l-atti u dan l-appellant lanqas qatt ma ressaq xi prova li huwa kien effettivament applika tahtha u/jew li l-beneficcju taghha qatt gie rifjutat lilu mill-Kontrollur tad-Dwana. Dan l-appellant qed jipprova jigbed paragun bejn dan il-kaz tieghu u kaz iehor li gie deciz minn din il-Qorti, wara li kienet sodisfatta li l-appellant Grech Sant kien applika taht din il-Proklama, li giet esebita fl-atti tieghu, u li din l-applikazzjoni tieghu kienet giet rifjutatha mill-Kontrollur tad-Dwana, iddecidiet a favur tieghu ghar-ragunijiet imsemmija f'dik is-sentenza. Fl-appell odjern, Alfred Schembri qed jallega li anke hu kellu jibbenifika minn din l-amnestija u qed jitlob lil din il-Qorti titratta mieghu bhal ma ttrattat fil-kaz ta' Grech Sant. Izda, kif gja` gie accennat, fil-kaz odjern ma hemmx il-provi bhal ma rrizultaw fil-kaz ta' Grech Sant. Fil-kaz prezenti jonqsu l-provi essenzjali u necessarji sabiex juru fl-ewwel lok li dan l-appellant kien fil-fatt applika lill-Kontrollur tad-Dwana tat il-Proklama msemmija, fit-tieni lok li hu kien iddepozita ammont ta' flus ekwivalenti ghad-dazju perikolat, u, fit-tielet lok, li t-talba tieghu giet michuda mill-Kontrollur tad-Dwana minghajr raguni valida legalment. Fil-waqt li dawn il-provi kollha rrizultaw fil-kaz ta' Grech Sant, ma jistax jinghad l-istess fil-kaz ta' l-appellant Alfred Schembri. Ghalhekk certament mhux il-kaz li din il-Qorti ghandha b'xi mod thossha marbuta f'dan il-kaz ma dak li gja` iddecidiet fil-kaz ta' Grech Sant. Il-fatti u provi huma ghal kollox differenti, u ghalhekk f'dan il-kaz odjern il-Qorti thoss li dan l-aggravju ta' Alfred Schembri dwar il-kwistjoni ta' l-amnestija ma jistax jigi akkolt."

Kif inhu evidenti minn din is-silta, l-aggravju ta' l-appellant ma giex milqugh ghax il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghall-konkluzjoni li Schembri ma kien gab ebda prova li huwa kien fil-fatt applika mal-Kontrollur tad-Dwana biex ikun jista' jibbenefika mill-amnestija (billi jithallas id-dazju dovut u somma addizzjonali). Dik il-Qorti addirittura ghamlet referenza ghal proceduri ohra – ***Il-Pulizija v. Anthony Grech Sant*** – fejn fil-fatt kienet iddecidiet differentement, u cioe` favur l-appellant, ghax dak l-appellant l-iehor kien fil-fatt issodisfa lill-Qorti li huwa kien applika taht l-imsemmija proklama izda l-applikazzjoni tieghu kienet giet rifjutata mill-Kontrollur tad-Dwana. Minn dan kollu jidher car li l-appellant Schembri, meta intavola r-rikors promotur ta' din il-kawza u sal-mument li nghatat is-sentenza appellata fil-5 ta' Marzu, 1996, kellu rimedju ordinarju ghall-ksur <u>principali</u> minnu vantat – u cioe` li huwa ma kellux jigi pprocessat quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – u dan ir-rimedju kien proprju l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Krminali. Il-fatt li l-appellant Schembri seta', kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ma kkonduciex il-kawza tieghu b'mod sodisfacenti billi naqas milli jgib provi li huwa seta' jgib, ma jfissirx li ma jkunx applikabbli il-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 46. Il-mezz xieraq ta' rimedju, infatti, jista' jkun ghadu disponibbli jew addirittura jista' <u>kien</u> disponibbli <u>u dak li jkun ma jkunx gharaf juzufruwixxi ruhu minnu</u>. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha b'xi mod tiddisturba l-konkluzjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili meta iddeklinat li tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 46(2).

<u>**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**</u>

Fir-rikors ta' appell tieghu tas-7 ta' Marzu, 1996 l-appellant stieden lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza fil-meritu. Din il-Qorti, pero`, galadarba qed tikkonferma s-sentenza appellata, ghandha tieqaf hawn. Jinghad biss – u dan ghal kull buon fini u biex jigu ccarati l-affarijiet – li minn qari akkurat tal-Proklama in kwistjoni – Proklama li ggib id-data tat-8 ta' April, 1997 izda li bdiet issehh mill-10 ta' April, 1987 u kienet taghlaq fl-24 ta' April, 1997 – u minn ezami ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant

Alfred Schembri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti difficilment tista' tara kif il-Proklama setghet kienet applikabbli ghall-imsemmi Schembri. L-ewwel nett l-amnestija kienet tapplika ghal kazijiet biss fejn "id-dazju pperikolat" ma kienx jaqbez il-hamest elef lira (Lm5,000). Inoltre, il-Proklama taghmilha cara li ma kienitx tapplika ghal kazijiet fejn ***"hemm involuti wkoll reati kontra ligijiet ohra barra l-Ordinanza tad-Dwana jew l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju"***. Minn ezami kemm tal-process kif ukoll tas-sentenzi tad-19 ta' Jannar, 1995 (Qorti tal-Magistrati) u tat-12 ta Frar, 1999 (Qorti ta' l-Appell Kriminali) jirrizulta li l-valur tad-dazju pperikolat gie indikat fl-imputazzjoni li jaqbez il-hamest elef lira. Apparti diversi oggetti ohra li jissemmew fl-imputazzjoni rigwardanti l-evazjoni tad-dazju, l-erbghin magna tal-loghob zarmati kellhom (allegatament) dazju fuqhom ta' Lm8,400. Fil-kors tal-kawza penali, pero`, irrizulta li l-valur tad-dazju kien ferm anqas minn hekk, u li l-valur ta' dazju perikolat kien taht il-hamest elef lira, tant li l-ewwel Qorti kkundannatu multa komplessiva ta' Lm4,680 biss. Sa hawn jista' jinghad li kien hemm zball da parti tal-Kontrollur tad-Dwana, u li ghalhekk ic-cahda li huwa jibbenefika mill-Proklama ma kienitx korretta. Pero` Schembri kien akkuzat ukoll bi truffa skond id-disposizzjoni relattiva tal-Kodici Kriminali, u ta' dan ir-reat ta' truffa huwa nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati[5], liema sejbien ta' htija kien konfermat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ghalhekk fir-rigward ta' l-appellant Schembri, il-kaz tieghu kien wiehed fejn kien hemm involut reat kontra ligi ohra li ma kienitx l-Ordinanza tad-Dwana jew l-*Exchange Control Act*. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tifhem kif l-appellant odjern kemm fir-rikors promotur tieghu ta' l-1 ta' Frar, 1995 kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu tad-29 ta' Jannar, 1996 (fol. 6 sa 9 ta' dawn l-atti) baqa' jinsisti li huwa kien instab hati biss tar-reati taht il-ligi tad-Dwana.

---

[5] Il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha, qalet hekk fir-rigward ta' l-appellant odjern: *"Fil-fehma tal-Qorti, in vista tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju dwar il-htija tal-imputat a tenur tal-Artikoli precitati* [ta' l-Ordinanza tad-Dwana], *kif ukoll ikkonfigura r-reat ta' frodi a tenur tal-Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9, liema reati huma regolati bil-principji relattivi ghall-assorbiment tar-reati, stante li gew kommessi* unico contextu*."*

**<u>Decizjoni</u>**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tal-5 ta’ Marzu, 1996.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------